MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Numru. 499/2003

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
ABDUL MAGIK

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdul Magik ta’ 33 sena, iben Gumma u Zenuba nee Faraj, imwieled fl-1 ta’ Frar 1969 il-Libja u detentur tal-passaport Libjan mhux maghruf talli f’dawn il-gzejjer, gewwa San Giljan nhar it-8 ta’ Gunju 2003, f’xi hin bejn l-erbgha u l-hamsa ta’ filghodu ikkommetta serq ta’ handbag, mobile telephone tal-marka Siemenx, nuccali, u oggetti ohra, ghall-valur ta’ aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm200, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur, u dan ghad-dannu ta’ Angele Storace, u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267 u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 270 u 267 u 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------